**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**
**vs**
**Patrick Ryan Mc Gahern**

**Illum 30 ta’ Jannar 2025**

**Il-Qorti;**
Rat l-akkużi miġjuba kontra;

**Patrick Ryan McGahern** ta’ 33 sena, ġenituri mhux magħrufa, mwieled l-Ingilterra nhar it-8 ta’ Jannar 1992, mingħajr indirizz fiss u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 0330205L;

**Akkużat talli:**

**Nhar il-25 ta’ Jannar 2025, fis-01:30hrs u fil-ġranet ta’ qabel, f’diversi ħinijiet ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin;**

1. Naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif ippreseduta mill-Maġistrat Dr Nadine Sant Lia LL.D fid-digriet datat nar id-9 ta’ Mejju 2023 u/jew kif sussegwentement ġie emendat li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 579(2) tal-Kaptiolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, naqas mill- jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif ippreseduta mill-Imħallef Dr Neville Carmillei LL.D. fid-digriet datat nahar il-5 ta’ Jannar 2024 u/jew kif sussegwentement ġie emendat li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, naqas mill- jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif ippreseduta mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D. fid-digriet datat nhar l-25 ta’ Settembru 2024 u/jew kif sussegwentement ġie emendat li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, naqas mill- jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif ippreseduta mill-Maġistrat Dr Rachel Montebello LL.D. fid-digriet datat nahar il-20 ta’ Jannar 2025 u/jew kif sussegwentement ġie emendat li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, ħinijiet lok u ċirkostanzi, rrenda ruħu reċidiv u dan wara li ngħata diversi sentenzi mill-Qrati tal-Maġistrati ta’ Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

   Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-riarrest ta l-imsemmi Patrick Ryan McGahern kif ukoll tordna li s-sommom mposti fuqu bħala depositu u/jew garanzija personali jew parti minnhom jgħaddu favur il-Gvern ta’ Malta.

   Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi Patrick Ryan McGahern sabiex iħallas l-ispejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Semgħet l-ammissjoni tal-imputat għall-akkużi kollha kif dedotti kontra tiegħu u kif reġistrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar is-26 ta’ Jannar 2025;

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-tweġiba tiegħu u tatu żmien xieraq biex jekk irid, jista’ jerġa’ lura minnha u fil-fatt huwa reġa’ tenna l-istess ammissjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni għal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni ċara u inekwivoka u bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-Qorti ma kelliex għalfejn toqgħod taħli aktar ħin biex tiġbor il-provi, oltre wkoll għall-fedina penali ta' l-imputat u l-fatt li l-imputat irrenda ruħu reċudiv u li qed jammetti li kiser erba' digrieti tal-ħelsien mill-arrest, wieħed minnhom jirrisali għal ftit ġranet ilu. Għalhekk peress li l-imputat jidher li ma jridx juzifruwixxi mill-opportunitajiet mogħtija lilu biex jibda miexi fit-triq it-tajba, l-Qorti m'għandha l-ebda triq oħra għajr li timpani piena ta' ħabs effettiv.

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 579(1) u 579(2), 40 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ssib lill-imputat fuq ammissjoni ċara u inekwivoka tiegħu, ħati, ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għal seba' (7) xhur priġunerija effettiva li minnhom għandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat għamel bħala arrest preventiv.**

**Inoltre għal dak li jirrigwarda l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet u bħala konsegwenza għad-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' l-imputat Patrick Ryan McGahern qegħda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta, l-ammont ta' ħamest mitt Ewro (€500) bħala parti mis-somma stabbilita' mid-depożitu għall-ħelsien mill-arrest tiegħu taħt garanzija ai termini tad-digriet ta' din il-Qorti diversament presduta datat 20 ta' Jannar 2025 (Maġistrat Dr. Rachel Montebello), u tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta l-ammont ta' ħamest mitt Ewro (€500) bħala parti mis-somma stabbilita' mid-depożitu għall-ħelsien mill-arrest tiegħu taħt garanzija ai termini tad-digriet tal-Qorti Kriminali datat 5 ta' Jannar 2024 (Imħallef Onor Neville Camilleri).**

**Finalment il-Qorti qed tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-ħati Patrick Ryan McGahern fil-proċedimenti li fihom ġew pronunzjati d-digrieti msemmija dwar il-ħelsien mill-arrest u cioe':**

1. **Id-digriet datat 9 ta' Mejju 2023 mogħti minn din il-Qorti kif diversament preseduta per Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia;**
2. **Id-digriet datat 5 ta' Jannar 2024 mogħti mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Imħallef Onor Neville Camilleri;**
3. **Id-digriet datat 24 ta' Settembru 2024 mogħti minn din il-Qorti kif diversament preseduta per Maġistrat Dr. Gabriella Vella;**
4. **Id-digriet datat 20 ta' Jannar 2025 mogħti minn din il-Qorti kif diversament presduta per Maġistrat Dr. Rachel Montebello;**

**U tordna r-riarrest tiegħu fil-proċeduri kollha hawn fuq imsemmija ai termini ta’ l-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Fabiana Grech**
**Deputat Reġistratur**